# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Appell Nru. 271/92**

**Il-Pulizija (Spettur Alphonse Cauchi)**

**vs**

**Lorenzo sive Lorry Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Ottubru, 1992, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni/jiet dedotti kontra l–imputat/i u deskritti a folio 1 tal-process;

Rat l-Att tar-Rinviju datat 5 ta' Mejju, 1992 li permezz tieghu dawn l-Atti gew rimessi lil din il-Qorti peress li tista' tinstab htija taht dak li hemm kontemplat fl-Artikoli tal-ligi indikati fl-istess Att;

Rat il-kunsens moghti mill-imputat fid-19 ta' Gunju, 1992, sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament, u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi limitatament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kkunsidrat:-

Illi fis-6 ta' Lulju, 1989, l-imputat gie akkuzat talli "f'dawn l-ahhar snin" huwa kkommetta r-reati ta' korruzzjoni u frodi kontemplati rispettivament fl-Artikoli 115(a)(b)(c), 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9;

Illi b'verbal maghmul mid-difiza fit-3 ta' Awissu, 1989, giet sollevata l-preskrizzjoni "minhabba d-dekors taz-zmien";

Illi permezz ta' Nota ta' Rinviju datata 5 ta' Mejju, 1992, l-Avukat Generali rrimetta l-Atti odjerni lil din il-Qorti sabiex tiggudika fuq l-Artikoli tal-ligi hemm indikati;

Illi permezz ta' verbal maghmul mill-imputat fid-19 ta' Gunju, 1992, dan iddikjara li "ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament";

Illi stabbilit il-kunsens taz-zewg partijiet – kif rikjest mil-ligi – din il-Qorti saret wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk taqa' fil-kompetenza taghha li tiddeciedi dwar l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar il-preskrizzjoni;

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta sodisfacentement:-

1) li fit-18 ta' Mejju, 1989, certu John Debono ghamel rapport lill-Pulizija fis-sens li "ghall-habta ta' Frar, 1981" huwa, fuq rikjesta ta' l-imputat, hallas lil dan ta' l-ahhar ammont sostanzjali ta' flus sabiex johorgu permessi tal-bini fuq artijiet li kien xtara l-istess John Debono;

2) li fuq dan ir-rapport, il-Pulizija hadet azzjoni immedjata. Di fatti fis-6 ta' Lulju, 1989, dehrilha li kellha provi bizzejjed biex tressaq lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat b'reati relatati ma' dak ir-rapport;

3) li fid-19 ta' Lulju, 1989, gie mahrug mill-Avukat Generali certifikat ta' ezenzjoni fil-konfront ta' l-imsemmi John Debono sabiex dana jkun jista' jixhed liberalment fil-kawza odjerna – u dan kif hemm kontemplat fl-Art. 19(1) ta' l-Att 1988 dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni.

Illi l-Artikoli tal-ligi indikati fl-imsemmija Nota ta' Rinviju huma s-segwenti: 115(a)(b)(c), 120(1), 18, 31, 308 u 310 tal-Kap 9 li jikkontemplaw ir-reati fuq indikati.

Illi l-Artikoli tal-ligi rilevanti ghall-finijiet ta' l-ezami odjern huma s-segwenti:-

Art. 688 (d) li jiddisponi li l-azzjoni tibqa' preskritta bl-"gheluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;

Art. 688(e) li jiddisponi li l-azzjoni tibqa' preskritta bl-"gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sena, jew multa, jewghal pieni tal-kontravenzjonijiet.

Illi fit-trattazzjoni taghha il-prosekuzzjoni akkampat mal-kontenut ta' l-Artikolu 692 ta' l-istess Kap. Liema art. jiddisponi hekk: "Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf".

In sostanza s-sottomissjonijiet tal-partijiet huma f'dan is-sens:

Il-prosekuzzjoni sostniet li dan l-artikolu ghandu japplika anki meta "il-hati" (hawnhekk huwa opportun li jinghad li l-Qorti wzat dan it-terminu peress li huwa dak uzat mil-ligi, izda jibqa' l-fatt guridiku li f'dan l-istadju m'ghandhiex quddiemha hati, izda imputat li ghandu warajh il-principju tal-prezunzjoni ta' l-innocenza) ikun maghruf lill-parti leza biss u mhux lil Pulizija wkoll.

Id-difiza min-naha taghha qeghda takkampa mat-tezi li l-kliem "mhux maghruf" ghandhom jitqiesu f'sens assolut, fis-sens li biex ikun hemm lok ghal applikazzjoni ta' l-artikolu in disamina

“il-hati” irid ikun injot kemm ghall-parti leza, kif ukoll ghall-Pulizija.

Illi in materja din il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza kostanti fuq dan il-punt, b’mod partikolari ghall-principji enuncjati mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza “Formosa vs. Zarb Cousin” (11.9.1922); kif ukoll ghas-sentenza aktar recenti ta’ l-istess Onor. Qroti presjeduta mill-Imhallef Dr. William Harding fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Mikiel Agius” moghtija fit-3 ta’ Frar, 1947.

Illi fl-ahhar sentenza fuq citata l-Qorti ta’ l-Appell irribadiet il-principju li l-kliem “mhux maghruf” kontemplati fl-Artikolu precitat (Dak iz-zmien l-Artikolu 687) ghandu jinghata sinifikat assolut fis-sens ta’ “una ignoranza assoluta dell’autore di un delitto” u m’huwiex bizzejjed li l-injoranza ta’ l-identita’ ta’ l-awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza.

In konkluzzjoni fuq il-punt legali sollevat, il-Qorti tosserva li, sabiex it-terminu preskrizzjonali ma jibdiex jiddekorri, a tenur ta’ l-Artikolu 692 tal-Kap 9, irid ikun hemm ‘ignoranza assoluta’ ta’ l-awtur tad-delitt.

Illi fil-kaz in dizamina, dan l-element ma jikkonfigurax. Di fatti, il-provi juru bic-car li l-parti allegatament leza, u cioe’ John Debono kien jaf bil-fatti - li fuqhom gew bazati l-akkuzi fil-kawza odjerna – fis-sena 1981; u f’dak iz-zmien l-imputat odjern kien diga maghruf ghalih.

Illi di piu’ huwa opportun li jigi osservat, stante il-fattispecie tal-kaz, illi l-konsiderazzjoni li John Debono ma rraportax qabel minhabba li seta’ jigi inkriminat fir-reat ta’ korruzzjoni flimkien ma’ l-imputat, ma tbiddel xejn mill-konkluzzjoni premessa. Il-Qorti, in propositu, tirrileva li l-ligi in disamina ma taghmel ebda distinzjoni jew kwalifika f’dan is-sens, u ghalhekk mhux permess ghall-Qorti gudikanti li taghmel kwalifiki ghall-ligi li ma jkunux kontemplati – la direttament u lanqas indirettament – mill-istess ligi.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet fattwali u guridici, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in dizamina, it-terminu preskrizzjonali beda jiddekorri mis-sena 1981.

Illi r-reati kontemplati fl-Artikoli fuq citati huma preskrivibbli, in parte bil-preskrizzjoni kwinkwennali u in parte b’dik bijennali.

> Illi bejn id-data ta' l-allegati reati (Frar 1981) u l-gurnata li fiha l-imputat tressaq il-Qorti in konnessjoni maghhom (Lulju, 1989) ghaddew 'il fuq minn hames snin. Ghaldaqstant huma kolpiti bil-preskrizzjoni.
>
> Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fondata fil-fatt u fid-dritt u tilqaghha, u tillibera lill-imputat".

Minn dik l-istess sentenza appella l-Avukat Generali permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fil-11 ta' Novembru, 1992, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat fl-ewwel istanza, u jew tibghat l-atti lura lil dik il-Qorti sabiex l-ewwel Qorti tiddeciedi l-kawza fil-mertu skond il-ligi jew, alternattivament, tiddecidiha fil-mertu skond il-ligi billi ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tghaddi biex tinfliggi l-piena preskritta mil-ligi.

Il-bazi kollu ta' l-appell ta' l-Avukat General johroq principalment mill-ewwel zewg sottomissjonijiet li ghandu fir-rikors ta' l-appell. Dana ghaliex qieghed isostni li fi kwalunkwe kaz, kwantu jirrigwarda r-reat tat-truffa u r-reat tal-korruzzjoni, dawn kienu fi kwalunkwe kaz preskrivibbli bl-gheluq ta' 10 snin u l-10 snin kienu ghadhom ma ghaddewx meta gew istitwiti dawn il-proceduri. Jekk ghandu ragun, s'intendi, taqa' l-eccezzjoni kollha tal-preskrizzjoni u dak kollu li hemm fis-sentenza appellata isir irrilevanti almenu kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg akkuzi.

Jekk m'ghandux ragun, allura, s'intendi, wiehed imbaghad ikun irid jidhol fl-aspett iehor li gie vestit mis-sentenza appellata u cioe' ta' minn meta kellha tibda tghaddi l-preskrizzjoni f'dan il-kaz partikolari u x'inhija l-ligi relattiva.

L-appellant l-Avukat Generali jissottometti l-ewwel u qabel kollox li fost ir-reati dedotti kontra l-imputat hemm dak ta' truffa kontinwata bl-ammont tal-hsara jeccedi l-Lm500. A tenur ta' l-artikoli 308, 310(a) u 18 tal-Kodici Kriminali, il-piena skond il-ligi ghal dan ir-reat hija fil-massimu taghha il-piena ta' prigunerija ghal hames snin. L-azzjoni kriminali rispettiva ghalhekk hi preskrivibbli bl-gheluq ta' ghaxar snin. Anki minghajr htiega li ssir riferenza ghall-artikolu 691 (1) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li ghar-reati kontinwati z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mil-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, hu evidenti li z-zmien ta' ghaxar snin mill-konsumazzjoni tar-reat de quo ma kienx ghadda u ghalhekk l-azzjoni kriminali relattiva ma kienetx preskritta.

L-istess jissottometti l-Avukat Generali fir-rigward tar-reat ta' korruzzjoni kontinwata taht l-artikolu 115(b) (c) tal-Kodici Kriminali. Huwa jissottometti li l-piena massima f'dan il-kaz titla' wkoll ghal zmien hames snin u ghalhekk iz-zmien ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali rispettiva kien ta' ghaxar snin, liema zmien ma kienx ghadda meta nbdiet l-azzjoni kriminali.

Issa hu evidenti li l-kwistjoni kollha hija jekk ghall-fini tal-preskrizzjoni r-reat kontinwat ghandux identita' legali separata u distinta minn dak tar-reat proprju li jkun gie kommess. Jigifieri f'kaz ta' frodi, jekk wiehed iridx ihares ghall-kwalifika tal-kontinwita' bhala illi ghandha tittiehed in konsiderazzjoni flok li jhares biss lejn ir-rejat tal-frodi.

Fuq dan saret trattazzjoni tajba hafna mill-partijiet, kif anke saru noti dettaljati hafna u studjati akkuratament b'riferenza ghal diversi sentenzi ta' dawn il-qrati kif ukoll ta' sentenzi esteri u b'riferenza ukoll ghal dak li jghidu fir-rigward diversi awturi li jittrattaw l-aspett tal-kontinwita' u tar-reat kontinwat.

Din il-Qorti ezaminat, kif inghad, l-istess sottomissjonijiet u partikolarment issib illi ttendi qabel ma dak illi gie sottomess fir-rigward mill-appellat fis-sens illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena <u>indeterminata</u> li tigi komminata <u>biss</u> bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa

car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.

Dan iffisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konkluzzjoni differenti twassal ghall-assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.

Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artiklu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet tal-preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett". Ghalhekk, din il-Qorti

taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda din il-Qorti qed tghid li ma tistax il-prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita' biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhala ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita' l-piena applikabbli <u>tista</u>' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bl-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk issegwi bhala l-ewwel konkluzzjoni li din il-Qorti ma taqbilx li l-fini tal-preskrizzjoni dawn iz-zewg delitti, cioe' dak tat-truffa u dak tal-korruzzjoni, kellhom jitqiesu bhala li jgorru piena ta' hames snin kif qed jigi prospettat mill-Avukat Generali, ghaliex dik il-piena hija semplicement piena li possibilment tista' l-Qorti titla' ghaliha jekk jirrizulta l-ewwel fihom innifishom dawk ir-reati, cioe' tat-truffa u tal-korruzzjoni, fl-ahhar okkazzjoni li gew kommessi, m'humiex preskritti. Ma tara ebda soluzzjoni ohra legali din il-Qorti li ghalhekk sejra tghaddi ghat-tieni punt.

Fir-rigward tat-tieni punt, l-appellant, l-Avukat Generali jissottometti ezattament il-kontra ta' dak li hemm fis-sentenza appellata bazata kif inhi fuq l-iskorta tas-sentenzi hemm citati u partikolarment tas-sentenza in re “Formosa vs Zarb Cousin”, u “Il-Pulizija vs. Mikiel Agius”. L-appellant jissottometti li l-ewwel wahda minn dawn iz-zewg sentenzi ma

taghmilx ghall-kaz odjern peress li dik is-sentenza kienet tirrigwarda proceduri inizjabbli fuq kwerela tal-parti leza. Il-Qorti f'dak il-kaz kienet waslet ghall-konkluzzjoni taghha wara li ghamlet paragun bejn l-allura art. 664 (illum 692) ma' l-art. 594 tal-Ligijiet Kriminali qabel ma gie emendat u enumerat. L-art. 594 imsemmi kien jirrikjedi li sabiex il-preskrizzjoni ma tiddekorrix trid tkun saret il-kwerela fiz-zmien stabbilit ghall-preskrizzjoni li necessarjament kien jippresupponi li r-reat ikun maghruf.

Kwantu jirrigwarda s-sentenza "Il-Pulizija vs. Mikiel Agius" sub cit. Certament l-appellant jissottometti illi din ma tistax ikollha valur ghaliex fiha nfisha hija sentenza isolata, wahedha, u tistrieh fuq is-sentenza l-ohra ta' "Formosa vs. Zarb Cousin" u ghalhekk mhix applikabbli.

L-appellant jissottometti li l-art. 692, filwaqt li huwa aktar restrittiv mill-art. originali 594 tal-Ligi ta' l-1884 fejn si tratta ta' proceduri bi kwerela peress li gie limitat ghall-kaz fejn l-awtur ma jkunx maghruf u mhux ukoll, bhal qabel, fejn ikun latitanti u assenti, fl-istess hin hu aktar estensiv in kwantu gie estiz ukoll ghall-proceduri li jittiehdu ex officcio mill-pulizija.

L-Avukat General jissottometti li fil-proceduri inizjabbli mill-pulizija ex officcio l-interess tas-socjeta', fil-punizzjoni ta' l-awtur tad-delitt,

jipprevali fuq kwalunkwe interessi u ezigenzi privati. Ghalhekk, meta l-awtur tad-delitt jigi skopert, ma jistax jinghad li d-dannu kagunat lis-socjeta' bid-delitt jispicca minhabba li ma kienx maghruf li kien gie kommess id-delitt. Dan ghaliex certament ma hemmx hsara akbar mill-ordni socjali milli meta l-awtur skopert ta' delitt jibqa' impunit. Kieku kien hekk, il-ligi penali, flok isservi ta' deterrent, tkun qeghda tinkuraggixxi d-delinkwenti u tincitahom biex dejjem aktar jirfinaw u jipperfezzjonaw l-arti taghhom fil-habi tad-delitti minnhom kommessi.

Skond l-appellant il-bazi ta' l-istitut tal-preskrizzjoni huwa li din tipprezumi li l-awtorita' li tista' tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tkun taf jew tkun ta' l-inqas tissuspetta bl-ezistenza tar-reat ghax altrimenti, la jista' jinghad li baqghet inattiva, u lanqas li l-attur kien espost ghal xi theddida ta' prosekuzzjoni.

L-Avukat Generali jissottometti li l-ligi taghna tghid: "Meta l-hati ma jkunx maghruf". Mela isegwi, skond l-appellant, li fejn id-delitt hu maghruf izda ma hux maghruf min ikkommettih, il-preskrizzjoni ma tiddekorrix. Min-naha l-ohra jista' jkun il-kaz li d-delitt stess mhux maghruf mill-pulizija u allura lanqas ma jista' jkun min ikkommettih. Meta l-ligi tghid li l-hati mhux maghruf, ma jfissirx li fejn id-delitt stess mhux maghruf il-preskrizzjoni tiddekorri, anzi tfisser li multo magis il-preskrizzjoni ma tiddekorrix anke f'dak il-kaz. Jigi ribadit li l-gharfien ta'

l-awtur jew, skond il-kaz, l-gharfien tad-delitt, ghandu jkun gharfien da parti ta' l-awtorita' vestita bil-ligi biex tippromwovi l-azzjoni penali, f'dan il-kaz il-pulizija. Fil-kaz prezenti l-pulizija ma kienetx taf bid-delitt qabel l-1989 u konsegwentement lanqas kienet taf bl-awtur tad-delitt, u allura l-preskrizzjoni ma setghetx tibda tghaddi.

Din il-Qorti minghajr ezitazzjoni tiddikjara li ma taqbel xejn mat-tezi prospettata mill-Avukat Generali u taghmel riferenza mill-ewwel ghal dak li jghid Giuglio Crivellari "Concetti Fondamentali di Diritto Penale" publikat fl-1888, para 125 f'pagna 121:-

> "Per cio' che riguarda l'epoca da cui deve cominciare la decorrenza della prescrizione, il punto di partenza ha da essere e quello in cui cominciano a nascere rispettivamente nella societa' e nel delinquente i diritti e le obligazioni derivanti dal reato. In conseguenza, per quanto riflette la prescrizione dell'azione penale, essa principia dal giorno del commesso reato ancorche se ne ignori l'autore perche' e' da questo giorno che comincia nella societa' il diritto e l'obbligo a provedere".

It-tieni punt li trid taghmel din il-Qorti huwa illi ma taqbilx anqas mas-sottomissjoni ta' l-appellant Avukat Generali fis-sentenza in re "Formosa vs. Zarb Cousin" ma ghandhiex rilevanza ghall-fini tal-punt ribattut f'dan il-kaz u f'kazi ohra. Infatti jigi rilevat dak li effettivament johrog anke minn sentenzi ohra u mhux biss mis-sentenza msemmija – ara per ezempju "Lorenzo Zarb vs. Concetta Garnisi" 8/5/1926, Appell Kriminali – u cioe' l-articolo 664

> “delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per i delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell’11/9/22 in re “Luigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin”, cioe’ che sia ignoto non gia in modo relativo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e pratiche dello stesso colpevole.”

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-kaz li tghid hafna aktar minn dak li hemm fis-sentenza appellata. Din hija essenzjalment kwistjoni legali li jew taqbel jew ma taqbilx maghha. Din il-Qorti ma tarahiex bhall-Avukat General, ma taqbilx li l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghall-kliem tal-Ligi “meta l-hati ma jkunx maghruf” hija dik li qed jippretendi l-Avukat Generali” u dan ghaliex taqbel perfettament mal-posizzjoni legali kif enunzjata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg

mm